1.

# Fil-Bidu Nett tar-Riċerka

George Farrugia u Donna Borg

*Dan il-kapitlu jiffoka fuq il-passi li jwasslu għar-riċerka nnifisha. Jibda billi jiddefinixxi r-"riċerka" u jistħarreġ kif l-istess riċerka tinforma, tifforma, u tifformalizza l-kitba akkademika. It-tħejjija għall-kitba tingħata importanza daqs ir-riċerka u l-kitba nnifisha; ngħidu aħna l-għażla tas-suġġett, tiddetermina l-metodoloġija u l-avviċinament tal-istudenti lejn it-teżi nfisha. Jiġu mistħarrġa tipi ta' riċerka differenti daqskemm il-mistoqsija ewlenija li t-teżi tkun intiża li tindirizza.*

**Kliem muftieħ**: abbozz, evidenza, ħarsa, kitba akkademika, kritika, letteratura, lingwa, lingwistika, riċerka, riċerkaturi, teżi

## X'Inhi r-Riċerka?

Ir-riċerka nistgħu nqisuha bħala proċess sistematiku ta' tiftix u ġbir ta' informazzjoni biex nirrevedu għarfien diġà miksub jew biex niksbu għarfien ġdid billi niskopru affarijiet ġodda. Ir-riċerkaturi jfittxu f'sorsi differenti, jisiltu minnhom biex jieħdu l-informazzjoni u jinterpretaw u janalizzaw dak li sabu biex iservi ta' bażi u evidenza sabiex iwieġbu b'mod loġiku l-mistoqsija li kienet il-punt ta' tluq tat-tiftix tagħhom u jagħmlu osservazzjonijiet raġunati dwarha. Aspett ieħor importanti tar-riċerka hu l-kontribut li r-riċerkaturi jridu jagħtu, mhux biss lis-suġġett li qed jittrattaw fir-riċerka tagħhom, imma anki lil xi qasam ta' studju usa'.

Il-kelma "riċerka," u l-ekwivalenti tagħha f'lingwi oħra bħat-Taljan ("ricercare") u l-Ingliż ("research"), tfisser "tfittex u terġa' tfittex". Waqt il-proċess ta' tiftix x'aktarx li niltaqgħu ma' informazzjoni li diġà jkun raha ħaddieħor qabilna. Bħala riċerkaturi nippruvaw nanalizzaw dak li raw riċerkaturi oħra qabilna jew naraw affarijiet li ħaddieħor ma rahomx, jew inkella naraw l-istess affarijiet minn perspettiva differenti.

Kif tgħid Kate L. Turabian, aħna l-bnedmin nagħmlu riċerka l-ħin kollu, kull darba li nistaqsu mistoqsija u nfittxu li nweġbuha (5). Din tista' tkun mistoqsija sempliċi bħal x'ristoranti hemm li jservu xi tip ta' ikel li nħobbu jew mistoqsija profonda bħalma hi dik dwar l-iskop tal-eżistenza. Meta xi ħadd ikun irid risposta

mingħandna, mhux se noqogħdu niktbu rapport dwar kif inkunu wasalna għat-tweġiba. Imma meta nkunu rridu li l-oħrajn jaċċettaw dak li nkunu għedna, jeħtieġ li nħejju kitba li turi l-proċess li wassalna għall-konklużjonijiet tagħna. Fil-fatt, ħafna mill-artikli (jew 'kitbiet') li naqraw jgħidulna dak li diġà nemmnu jew naħsbu li nafu dwar id-dinja, pereżempju li dieta bbilanċjata hi importanti għas-saħħa. F'kitba ta' riċerka li tmur lil hinn minn rapportaġġ tal-fatti, ir-riċerkaturi jippreżentaw ħafna iktar minn idea magħrufa bħal din (5). Aħna nistennew li r-riċerka tmur lil hinn minn dak li nafu.

Ir-riċerka hija parti integrali mill-ħajja universitarja u, f'ħafna korsijiet, l-istudenti jintalbu jagħmlu xogħol ta' riċerka biex ikunu jistgħu jiggradwaw.

**X'tgħid il-Liġi dwar it-teżi tal-Baċellerat**

Skont l-Avviż Legali 11 tal-2005 dwar l-Att tal-Edukazzjoni (CAP 327) ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 17,712 kif emendat bl-Avviż Legali 95 tal-2015 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 19,395 tal-20 ta' Marzu 2015, il-punt Nru 10 (1) tal-bye-laws dwar ir-Regolamenti Ġenerali tal-Kors ta' Baċellerat fl-Arti u ta' Baċellerat fl-Arti (Unuri), kif approvati mis-Senat tat-18 ta' Ġunju 2015 u tas-17 ta' Lulju 2015, fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, jistabbilixxi li t-tielet sena tal-programmi ta' studju tal-oqsma kollha ta' studju għall-istudenti tal-B.A. (Hons) għandha tinkludi jew (a) taqsimiet-studju sinottiċi li jiswew 12-il krettu u teżi li tiswa 12-il krettu, jew (b) taqsimiet-studju sinottiċi li jiswew 24 krettu. Fil-każ tal-grad ta' B.A. (Unuri) fil-Malti tapplika (a).

## X'Tgħid il-Liġi Dwar it-Teżi tal-Baċellerat

Skont l-Avviż Legali 11 tal-2005 dwar l-Att tal-Edukazzjoni (CAP 327) ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 17,712 kif emendat bl-Avviż Legali 172 tal-2022 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,878 tas-17 ta' Ġunju 2022, il-punt Nru 10 (1) tal-bye-laws dwar ir-Regolamenti Ġenerali tal-Kors ta' Baċellerat fl-Arti u ta' Baċellerat fl-Arti (Unuri), fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, jistabbilixxi li t-tielet sena tal-programmi ta' studju tal-oqsma kollha ta' studju għall-istudenti tal-B.A. (Hons) għandha tinkludi żewġ taqsimiet studju sinottiċi li għalihom hemm assenjati total ta' 12-il krettu u dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 12-il krettu.

Għall-emendi tal-2022 żur LEĠIŻLAZZJONI MALTA (legislation.mt) u agħfas hawnhekk.

Għall-emendi tal-2005 żur LEĠIŻLAZZJONI MALTA (legislation.mt) u agħfas hawnhekk.

Il-punt Nru 10 (3) tal-bye-laws jgħid ukoll li "it-taqsimiet studju sinottiċi għandhom ikunu evalwati permezz ta' Eżami Finali biss u d-dissertazzjoni għandha tkun evalwata permezz ta' eżami viva voce."

# It-Teżi u r-Riċerka

Ma nistgħux nitkellmu dwar it-teżi mingħajr ma nitkellmu dwar il-kunċett ta' riċerka. It-teżi, li hija parti obbligatorja u komponent importanti fil-kisba tal-grad tal-Baċellerat tal-Arti, aktarx li tkun l-ewwel xogħol twil ta' riċerka fil-ħajja tal-istudenti u l-ewwel pass għal dawk li jridu jaqbdu t-triq akkademika. Din tippreżenta lill-istudenti b'diversi sfidi imma anki sodisfazzjon. Hija esperjenza li l-istudenti jistgħu jitgħallmu ħafna minnha għax jimmaturaw, kemm bħala riċerkaturi, kif ukoll bħala persuni. Waqt il-kitba tat-teżi jkunu jistgħu japprezzaw aktar il-qasam li qed jirriċerkaw dwaru u oqsma oħra, u jagħtu l-kontribut tagħhom lis-suġġett.

Jista' jkun hemm studenti li jaħsbu li l-kitba ta' riċerka tagħhom ftit li xejn tista' tagħti kontribut lill-għarfien tad-dinja. Sa ċertu punt jista' jkun li tassew ikun hekk. Madankollu, jekk jagħmlu riċerka kif suppost u jiktbu dwarha b'mod xieraq, xogħolhom jista' jgħin ħafna lilhom bħala riċerkaturi u lil dawk li se jkomplu r-riċerka warajhom.

Xi studenti jistgħu jaħsbu li t-teżi se jagħmluha biss biex jiggradwaw u ftit li xejn se jiġu bżonnha fil-futur, speċjalment jekk ma jkunux biħsiebhom jidħlu fid-dinja akkademika. Madankollu, ir-riċerka hija importanti anki 'l barra mid-dinja akkademika u hija wkoll utli ħafna anki għal dawk li ma jridux jaqbdu t-triq akkademika. Permezz tar-riċerka u l-kitba dwar ir-riċerka nakkwistaw ħiliet importanti li nħaddmuhom iktar 'il quddiem f'ċirkustanzi differenti f'ħajjitna. Dawk li biħsiebhom jgħallmu, jittraduċu jew jidħlu fix-xandir, ngħidu aħna, se jkollhom bżonn jagħmlu riċerka ta' xi tip jew ieħor, anki jekk mhux se tkun fuq l-istess suġġett li jkunu analizzaw għat-teżi tal-B.A.

Meta nitgħallmu nagħmlu r-riċerka tagħna nitgħallmu wkoll nanalizzaw, nużaw u nevalwaw ir-riċerka ta' ħaddieħor. Inevitabbilment insiru kritiċi aħjar. F'kull professjoni, ir-riċerkaturi jridu jaqraw u jevalwaw diversi kitbiet ta' riċerka qabel jieħdu deċiżjoni, xogħol li jistgħu jagħmluh aħjar meta jkunu tgħallmu kif ħaddieħor jevalwa r-riċerka tagħhom.

Fil-kuntest tat-teżi tal-Baċellerat, Manwel Mifsud kien daħħal it-terminu "teżina" biex jagħżilha mit-teżijiet li jinkitbu fil-livell tal-masters u d-dottorat. Id-differenza ewlenija bejniethom mhix fil-mod kif issir ir-riċerka imma fit-tul tat-teżi. It-teżina, isimha magħha, hija teżi "żgħira." It-terminu jfakkar lill-awturi tal-ewwel teżi li r-riċerka tagħhom trid tkun iffukata fuq suġġett partikolari, li l-analiżi trid tkun preċiża, u l-lingwa jridu jużawha b'mod ekonomiku u konċiż.

Peress li l-prinċipji ewlenin tar-riċerka fl-università u l-kitba ta' teżi f'livelli differenti hija simili, f'dan il-manwal se nużaw il-kelma "teżi."

## Il-Kitba Akkademika

Il-kitba akkademika trid tkun ibbażata fuq ir-riċerka. Kif tgħid Stella Cottrell, hemm xebh bejn kitba akkademika u attivitajiet oħra li nagħmlu (171). Fil-kitba

akkademika nippjanaw u nieħdu d-deċiżjonijiet kif nagħmlu meta nippjanaw btala, nagħżlu kors jew norganizzaw festin. L-ewwel niddeċiedu dwar is-suġġett tar-riċerka; niġbru informazzjoni relevanti dwar is-suġġett u nfasslu l-mistoqsija tar-riċerka tagħna; nagħmlu pjan ta' ħidma; niċċekkjaw li qed nagħmlu x-xogħol sew; u fl-aħħar naraw kif nistgħu nagħmlu xogħol aħjar id-darba li jmiss (171).

Waqt li hemm differenzi importanti bejn il-kitba akkademika u tipi oħra ta' kitba, bħar-rapport f'gazzetta, l-esej, il-kitba ta' opinjoni, u l-kitba letterarja, hemm ukoll xi affarijiet li huma komuni u importanti għal kull tip ta' kitba. Ngħidu aħna l-kitba trid tkun relatata mat-titlu u tissodisfa l-għan li nkitbet għalih; trid tkun nieqsa minn żbalji idjomatiċi, grammatikali u ortografiċi; u trid ukoll tkun konsistenti, u fl-aħħar mill-aħħar il-partijiet differenti jridu jifformaw ħaġa sħiħa. Bejn il-partijiet separati u bejn kull parti u l-oġġett sħiħ irid ikun hemm rabta b'saħħitha; fil-kitba jrid ikun hemm struttura li tidher sew minn min qed jaqra, u l-ideat iridu jsegwu ordni loġika.

Il-kitba akkademika tvarja minn tipi oħrajn ta' kitba għax l-għanijiet ivarjaw u għalhekk ivarja wkoll l-istil tagħhom. Għalhekk għandha l-istil u l-konvenzjonijiet tagħha u rridu nsegwuhom sabiex nilħqu l-għanijiet tal-kitba. Pereżempju, fil-każ tal-kitba ġurnalistika, l-awturi jibbażaw fuq il-fatti u aktarx jużaw stil impersonali, filwaqt li fil-kitba ta' opinjoni, għalkemm xorta jistgħu jibbażaw fuq il-fatti, jistgħu jinkludu wkoll l-interpretazzjoni tagħhom u l-mod kif jaħsbuha dwar dawn il-fatti. Anki fix-xogħol akkademiku, il-kittieba jridu jibbażaw il-kitba fuq il-fatti, imma, għall-kuntrarju tal-kitba ġurnalistika, mhux biss iridu jippreżentaw dawn il-fatti imma jridu janalizzawhom u joħorġu b'konklużjonijiet u osservazzjonijiet dwarhom. Iridu wkoll jagħmlu inferenzi, jiġifieri jinterpretaw id-dejta. Madankollu, ix-xogħol tagħhom xorta jibqa' differenti minn dak ta' kitba ta' opinjoni. Għax filwaqt li l-opinjonisti għandhom dritt jesprimu l-opinjoni tagħhom, anki jekk ma jispeċifikawx ir-raġuni, jew inkella jibnuha fuq raġunijiet u argumenti li mhumiex b'saħħithom biżżejjed biex jikkonvinċu lill-qarrejja, il-kittieba akkademiċi jridu jagħtu importanza kbira lir-raġunijiet u ma jistgħux jibnu l-argumenti fuq l-ideat suġġettivi tagħhom.

Anki x-xogħlijiet li jaqgħu taħt il-kappa ta' "kitba akkademika" ivarjaw bejniethom għax mhux kulħadd għandu l-istess preferenzi u mhux kulħadd jimxi bl-istess metodu u bl-istess ordni. Madankollu, ċerti elementi nistennew li nsibuhom f'kull x-xogħol ta' kitba akkademika, fosthom li:

- Ikun ibbażat fuq il-fatti u mhux l-opinjoni personali. Għalhekk ħafna kotba dwar ir-riċerka u ħafna għalliema jħeġġuna nevitaw frażijiet bħal "naħseb li", "fil-fehma tiegħi", u "jien tal-opinjoni li." Dan ma jfissirx li għandna nibżgħu nuru li dak li ktibna hu "opinjoni" tagħna. Anzi, irridu nemmnu f'dak li qed niktbu, imma din il-kunfidenza fix-xogħol irridu nuruha permezz tal-evidenza li jippreżenta u permezz tal-argumenti, u mhux biss billi niktbu li aħna naħsbuha hekk mingħajr ma ngħidu għaliex;
- Ikun oġġettiv u impersonali;
- Iqabbel it-teoriji u r-riżultati li waslu għalihom riċerkaturi oħra;
- Jispjega l-kriterji u l-metodi li ntużaw biex ġiet evalwata l-evidenza u għaliex intużaw huma u mhux oħrajn;
- Filwaqt li xorta jasal għal konklużjoni u jippreżenta r-riżultati b'mod ċar u loġiku, isemmi d-diffikultajiet li kellna nħabbtu wiċċna magħhom sabiex noħorġu b'xi forma ta' konklużjoni, għax b'dan il-mod nagħrfu l-kumplessità tas-suġġett u tal-mistoqsija li nkunu staqsejna;

- Jinbena fuq deċiżjonijiet ċari dwar il-metodoloġija u t-teoriji li fuqhom se jibbaża l-argumenti u jispjega għaliex;
- Jagħraf il-mertu ta' min sab l-evidenza u jagħti r-referenzi għax-xogħol ta' ħaddieħor b'mod korrett;
- Jagħti kontribut lil xi suġġett partikolari u, idealment, lil xi ħaġa ikbar mis-suġġett tal-kitba akkademika.

**It-tħejjija għall-kitba**

Waqt li nkunu qed naħdmu fuq kitba akkademika ta' min inqisu dawn il-punti:

- Qabel nibdew ir-riċerka, ikollna idea ċara dwar dak li qed infittxu;
- Naħsbu dwar x'inhi l-opinjoni jew l-argument ġenerali tagħna dwar din il-mistoqsija, anki jekk jistgħu jinbidlu matul il-proċess;
- Niktbu dak li naħsbu u dak li diġà nafu qabel nibdew ir-riċerka;
- Naraw x'sar diġà fuq is-suġġett li nkunu għażilna: inħarsu lejn teżijiet oħra; lejn tipi ta' kitbiet differenti; lejn dak li sar fil-lekċers; niflu l-katalgu elettroniku tal-Librerija tal-Università ta' Malta u naraw x'hemm fuq l-ixkafef; infittxu kitbiet u materjal ieħor fuq l-internet;
- Waqt li nfittxu fuq is-suġġett li hemm fil-mistoqsija, irridu wkoll naqraw b'mod ġenerali fuqu;
- Niġbru l-informazzjoni b'mod sistematiku;
- Nieħdu n-noti, inqassru, u nimmarkaw dak li hu importanti;
- Jekk inkunu qed naqraw ktieb jew partijiet minnu, irridu niktbu nota qasira ħdejn il-paragrafu jew is-silta li tindika x'inhu l-punt u għaliex hu importanti, biex niffrankaw il-ħin jekk niġu biex nerġgħu nfittxu f'dak il-ktieb;
- Meta nieħdu n-noti fi kliemna dejjem irridu niktbu minn fejn ħadna l-informazzjoni għax dan jiffrankalna ħafna ħin wara meta niġu biex induru r-referenzi;
- Tajjeb li niddiskutu ma' nies li jifhmu fis-suġġett u anki ma' nies li forsi mhumiex daqshekk intiżi fis-suġġett għax tiskanta kemm nitgħallmu minn dawn il-konverżazzjonijiet;
- Irridu nispjegaw il-proġett tagħna u nitkellmu dwaru regolarment. Minn hawn nindunaw kemm mexjin u kemm qed naraw is-suġġett b'mod ċar; meta nitkellmu ma' ħaddieħor nistgħu nifhmu aħjar l-importanza tas-suġġett għal ħaddieħor, nitgħallmu mill-mistoqsijiet u l-kritika li jagħmlulna, u narawh minn perspettivi differenti;
- Waqt li nkunu qed infittxu se niltaqgħu ma' aspetti oħra li se jinteressawna u li mhux se jkollna ċans nittrattawhom fit-teżi. Għalhekk tajjeb nieħdu nota tagħhom xi mkien biex ma ninsewhomx u ma nitilfuhomx;
- Tajjeb ikollna struttura ġenerali f'moħħna u idea tal-kapitli, imma dawn jaf jinbidlu sew iktar ma nfittxu u nidħlu fil-fond tas-suġġett;
- Irridu niftakru li hemm iktar minn mod wieħed tajjeb ta' kif nagħmlu l-istess ħaġa, u hemm iktar minn struttura waħda li hi tajba. Irridu nieħdu deċiżjoni fuq waħda wara li nkunu kkunsidrajna d-diversi possibbiltajiet. Jekk kollha jkunu tajbin u jaqduna sew, irridu nagħżlu struttura u nżommu magħha mingħajr ma nibqgħu nhewdnu jew ninkwetaw fuq l-oħrajn;
- Irridu nkunu lesti li eventwalment inċaqalqu ħafna partijiet, inqaċċtu minnhom, u anki niktbu mill-ġdid. Dan ma jfissirx li se nkunu ħlejna l-ħin għax dak li qrajna ma rreferejniex għalih direttament jew għax dak li ktibna ma daħħalniehx kollu fix-xogħol finali. Ir-riċerka hija proċess u kull fażi għandha s-siwi tagħha.

## L-Importanza tal-Fatti u l-Evidenza

Fit-taqsima ta' qabel semmejna l-evidenza bħala waħda mill-karatteristiċi tal-kitba akkademika. Qabel ma nagħżlu li nemmnu dak li naqraw, irridu naħsbu dwaru b'mod kritiku u naraw jekk huwiex ibbażat fuq l-evidenza u fuq raġunament loġiku. Xi drabi nistgħu naslu għal konklużjonijiet tajbin anki mingħajr raġunijiet u evidenza: ngħidu aħna, nistgħu nistrieħu fuq dak li hu diġà magħruf, fuq l-awtorità, fuq l-intuwizzjoni, u anki fuq l-emozzjonijiet. Imma, meta rridu nispjegaw lil ħaddieħor mhux biss għala nemmnu dak li nemmnu imma anki għaliex huma wkoll għandhom jemmnu bħalna, irridu nagħtu iktar minn opinjoni jew deskrizzjoni tal-emozzjonijiet u s-sensazzjonijiet tagħna. Inkella, tifhimha li dak li jkun jibda jistaqsi mistoqsijiet bħal "Imma għaliex?" u "Kif wasalt għal dil-konklużjoni?"

Dan huwa l-element ewlieni li minħabba fih kitba akkademika tvarja minn tipi oħrajn ta' kitba persważiva. Kitba akkademika tistrieħ fuq fatti li l-qarrejja jistgħu jqisuhom bħala verità, irrispettivament mill-ħsus u t-twemmin tagħhom. Il-qarrejja jridu jkunu kapaċi jsegwu r-raġunament tagħna mill-evidenza u jaċċettaw il-konklużjonijiet li ġibdu minn din l-evidenza. Għalhekk, is-suċċess tagħna bħala riċerkaturi ma jiddependix biss minn kemm inkunu kapaċi niġbru u nanalizzaw id-dejta, imma minn kemm inkunu kapaċi nispjegaw ir-raġunament tagħna sabiex il-qarrejja jkunu jistgħu jeżaminaw u jagħtu l-ġudizzju tagħhom qabel jagħmluh parti mill-għarfien tagħhom tas-suġġett.

Ir-riċerka hi bħal diskussjoni jew dibattitu bejn tnejn min-nies li mhux bilfors għandhom l-istess opinjoni imma t-tnejn jixtiequ jaslu biex jifhmu aħjar is-suġġett (Irvin 10). Irvin jagħmel analoġija ma' avukat li qed jiddefendi lil xi ħadd, u l-ġurija, bħall-qarrejja, trid tiddeċiedi temminx jew le li hu ħati u mhux se toqgħod biss fuq il-kelma tal-avukat imma se tkun trid ukoll l-evidenza. Skont Irvin, din l-analoġija taqbad żewġ aspetti importanti fl-argument akkademiku: (i) l-importanza li nippreżentaw il-"każ" tagħna b'mod organizzat; (ii) l-element kruċjali ta' evidenza b'saħħitha. Il-qarrejja mhux bilfors se jaqblu mal-argument, imma l-għan prinċipali huwa li nirbħu l-attenzjoni tal-udjenza u nwassluhom biex jikkunsidraw il-perspettiva tagħna (Irvin 10).

## Ir-Riċerka Tibda Minn Mistoqsija

Fi proġett ta' riċerka, bħal f'affarijiet oħra, il-bidu huwa dejjem diffiċli. Għall-ewwel teżi tagħhom, xi studenti jiġbru ħafna informazzjoni imma ma jkunux jafu x'se jagħmlu biha. Madankollu, hemm modi kif jistgħu jgħinu lilhom infushom.

Ħafna drabi l-problema tkun li l-istudenti ma jkollhomx mistoqsija jew mistoqsijiet ta' riċerka li jiggwidawhom. Għalhekk importanti li jippruvaw jistabbilixxu l-mistoqsija ta' riċerka sa mill-ewwel stadji tar-riċerka, anki jekk eventwalment jibdluha. Mingħajr mistoqsija ta' riċerka li tiggwidahom, ir-riċerkaturi jitmexxew biss mill-interess f'xi suġġett partikolari, ngħidu aħna, interess ġenerali f'poeta jew tematika partikolari. Minħabba dan in-nuqqas ma jkunux jistgħu jillimitaw l-informazzjoni li jiġbru u jagħrfu x'għandhom ifittxu. Xi drabi jirriskjaw li l-kitba finali tkun qisha lista ta' fatti miġburin flimkien mingħajr argument li jgħaqqadhom. Jekk il-qarrejja jkunu interessati fis-suġġett aktarx se

jaqraw it-teżi xorta waħda, imma xorta se jfittxu r-raġuni għala nġabru dawn il-fatti u fejn se jwasslu.

Ir-riċerkaturi li jkollhom iktar esperjenza aktarx ma jibdewx biss b'suġġett ta' riċerka imma b'mistoqsija speċifika, u jżommu f'moħħhom li l-istudju tagħhom jagħmel sens jekk dawn il-fatti jservu bħala evidenza biex iwieġbu l-mistoqsija. Mingħajr mistoqsija ta' riċerka l-istudenti jaf jitħawdu fejn se jfittxu, x'tip ta' informazzjoni jeħtieġu, kemm se jimirħu fil-qari, u l-bqija.

Bħala riċerkaturi rridu niġbru mhux biss informazzjoni li ssaħħaħ it-tweġiba li jidhrilna li rridu nagħtu, imma anki dik li tmur kontriha jew tisfida l-pożizzjoni tagħha. Meta jkollna biżżejjed evidenza li tivvalida t-tweġiba tagħna, u meta naraw li nistgħu nirribattu l-evidenza li jidher li qed tikkontradixxi l-evidenza u l-pożizzjoni tagħna, irridu niktbu xogħol li (i) juri jekk hux b'saħħtu biżżejjed ir-raġunament tagħna, u (ii) naqsmu l-evidenza tagħna ma' riċerkaturi oħrajn biex naraw jekk jgħaddix mill-eżami tagħhom ukoll.

M'għandniex nibżgħu nistaqsu mistoqsijiet li diġà staqsiehom ħaddieħor. Anki jekk ikunu diġà taw it-tweġiba tagħhom, jaf nagħtu tweġiba aħjar, forsi iktar korretta jew sħiħa. Ħafna studenti jaħsbu li l-għan tal-edukazzjoni hu li timmemorizza risposti lesti għall-mistoqsijiet li jkun staqsa ħaddieħor. L-edukazzjoni għandha wkoll tgħinna nsibu r-risposti tagħna għall-mistoqsijiet li nistaqsu aħna stess. It-teżi aktarx hi l-aktar komponent tal-kors li jgħallem lill-istudenti biex jiżviluppaw sens ta' kurżità dwar l-affarijiet.

- Liema varjant fonetiku-ortografiku huwa l-aktar mifrux fil-kitba u fit-taħdit, il-varjant bil-'k' (eż. 'daħak', 'kagħak', 'serduk', 'ċagħak') jew il-varjant bil-'q' (eż. 'daħaq', 'qagħaq', 'serduq', 'ċagħaq')? Il-kelliema huma konsistenti fl-għażla tagħhom fil-kitba u fit-taħdit?
- Huwa minnu li hemm korrelazzjoni bejn il-fatt li nkunu nafu/ma nkunux nafu eżatt it-tifsira ta' nom missellef mill-Ingliż u l-ġens grammatikali li nagħtuh?
- Huwa minnu li nsibu varjazzjoni lingwistika fl-istess lokalità f'Malta? Jekk iva, kemm hi qawwija l-preżenza tal-varjazzjoni interna?
- Hemm korrelazzjoni bejn in-nomi inaljenabbli fil-Malti u n-nisel tagħhom u bejn il-forma prosodika tan-nom u l-forma jew in-nuqqas ta' forma sintetika tiegħu?

Ngħidu aħna, x'inhuma d-differenzi ewlenin bejn ir-Romantiċiżmu u l-Moderniżmu fil-letteratura Maltija? Kemm nistgħu ngħidu li hemm Moderniżmu f'poeta Romantiku bħal Rużar Briffa u Romantiċiżmu f'poeta Modern bħal Oliver Friggieri? Nistgħu ngħidu li l-poeżija ta' Ġorġ Borg, li ppubblika l-versi tiegħu mal-Moderni, għandha kontenut u forma li huma essenzjalment Romantiċi? Dawn il-mistoqsijiet nistgħu nippruvaw inwieġbuhom, kemm fid-dawl tal-istudji kritiċi ta' Peter Serracino Inglott u Oliver Friggieri, kif ukoll fid-dawl tal-istudju tal-2005 ta' Immanuel Mifsud bl-isem ta' "Fili: Ir-Romantiċiżmu Modern tal-Moderni." M'hemmx risposti definittivi. L-iktar aspett importanti ta' mistoqsijiet tar-riċerka bħal dawn hija d-diskussjoni.

Meta niddeċiedu fuq il-mistoqsija rridu naħsbu f'risposti possibbli, anki jekk ikunu vagi. Minn dawn ir-risposti xi drabi nistgħu naslu għal osservazzjonijiet interessanti u ġieli anki għal mistoqsijiet differenti. L-aħjar niktbuhom, anki jekk inkunu nafu li jonqosna naħdmu fuqhom biex naslu għall-verżjoni finali. Meta

nippruvaw insibu l-kliem biex nispjegaw idea li tkun għadha qed tinħema f'moħħna nkunu qed ngħinu lilna nfusna biex naħsbu b'mod iktar ċar fuqha.

## Riċerka Valida Teħtieġ Mistoqsija Valida

Ir-riċerkaturi kollha jibdew billi jiġbru l-fatti u l-informazzjoni, dik li nsejħulha d-dejta. Imma din id-dejta jużawha b'modi differenti skont l-għanijiet u l-esperjenza tagħhom. Kultant jiġbru d-dejta dwar suġġett sempliċement minħabba interess personali. Imma jafu wkoll li lill-qarrejja kritiċi mhux se jikkuntentawhom biss bil-fatti. Għalhekk, mhux biss ifittxu dejta dwar suġġett, imma jfittxu dejta partikolari li jistgħu jużawha bħala evidenza li fuqha jserrħu r-risposta għall-mistoqsija li s-suġġett ikun ispirahom biex jistaqsu.

Riċerkaturi li jkollhom ċerta esperjenza jafu li mhux biss iridu jikkonvinċuna li r-risposta tagħhom hi plawżibbli imma jridu juruna li l-mistoqsija li staqsew hija valida u li r-risposta se tgħinna nifhmu xi ħaġa ikbar minnha nnifisha jew xi ħaġa oħra minn perspettiva differenti. Għalhekk, mill-bidu nett, ir-riċerkaturi jridu jkunu lesti għal din il-mistoqsija: Għaliex din ir-riċerka hija importanti? X'kontribut se tagħti? Biex jaraw li mexjin fit-triq it-tajba, Turabian tissuġġerixxi li r-riċerkaturi jiddeskrivu l-proġett tagħhom b'sentenza bħal din (6):

1. *Qed naħdem fuq is-suġġett* 2. *għax irrid inkun naf Y* 3. *sabiex inkun nista' ngħin biex nifhmu Z.*

Dan t'hawn taħt hu eżempju prattiku ta' dak li qed tissuġġerixxi Turabian:

1. *Qed naħdem fuq il-ġens tan-nom "xagħar"* (2) *għax irrid inkun naf jekk jiddependix mil-lokal jew ir-reġjun fejn trabbiet il-persuna* (3) *sabiex inkun nista' ngħin biex nifhmu jekk il-ġens huwiex marbut mal-ġografija*.

B'hekk, il-konċentrazzjoni tal-proġett kollu f'sentenza waħda tgħinhom biex iqiegħdu quddiem għajnejhom il-qofol tal-argument u l-iskop tat-teżi.

Ħafna riċerkaturi jibdew proġett billi jistaqsu mistoqsija li oħrajn fil-qasam tagħhom jixtiequ tweġiba għaliha. Oħrajn jibdew mill-interess tagħhom f'xi aspett partikolari. Dan l-interess jista' jwassal għal ċerti mistoqsijiet dwar is-suġġett. Għalhekk importanti li jkollhom interess fis-suġġett għax dan se jgħinhom ukoll biex jistaqsu mistoqsijiet interessanti u validi dwaru.

Anki jekk nagħmlu r-riċerka tagħna bir-reqqa, qatt ma nistgħu nsibu "kollox." Ħafna drabi, aktarx wara li nlestu x-xogħol tagħna, nindunaw li nkunu missejna biss il-wiċċ. Ma nistgħux nippretendu li nagħmlu kollox aħna. Madankollu, ix-xogħol tagħna għandu l-ħila jżid l-interess fis-suġġett u jixpruna lil riċerkaturi oħrajn biex jaħdmu fuqu. B'hekk jiżdied l-għarfien dwaru u dwar oqsma marbutin miegħu.

Bħala riċerkaturi nafu wkoll li xi drabi r-riċerka hi imprevedibbli u ma nistgħux inkunu nafu fejn se twassalna.

## Minn Risposta Għal Ipoteżi

Meta tweġiba tidher plawżibbli nużawha bħala l-ipoteżi li fuqha se nibnu r-riċerka tagħna. Tweġiba plawżibbli tgħinna naħsbu bil-quddiem u nagħrfu x'tip ta' evidenza se jkollna bżonn. Jaf ikollna bżonn numri, kwotazzjonijiet, intervisti, osservazzjonijiet, stampi, jew kollha kemm huma f'daqqa. **L-ipoteżi nistgħu ngħidu li hija suppożizzjoni mibnija fuq il-bażi ta' evidenza limitata li sservi ta' punt tat-tluq għal investigazzjoni aktar fil-fond**. L-ipoteżi li se ninvestigaw tbassar x'se jkun ir-riżultat ta' numru ta' attivitajiet, proċessi jew esperimenti kkontrollati u r-riżultati li niksbu eventwalment jikkonfermaw jew imeru l-ipoteżi tagħna. Jekk ir-riċerka ma tkunx ibbażata fuq ipoteżi jista' jkun li fl-aħħar tal-istudju nsibuha diffiċli ngħidu x'se nkunu sibna jew xi kkonfermajna.

Jekk l-istudenti ma jkunux jistgħu jimmaġinaw ebda ipoteżi, iridu jerġgħu jikkunsidraw il-mistoqsija li telqu biha. Jaf jiddeċiedu li aħjar jibdlu s-suġġett kompletament. Dan jieħu ż-żmien imma aħjar jieħdu ftit iżjed żmien f'dan l-istadju milli jeħel jew saħansitra jiġġarraf il-proġett kollu kemm hu meta jkun daħal ħafna ż-żmien. Importanti li ma jħallux għall-aħħar biex jibdew jaħsbu dwar xi risposta. Aktarx li l-affarijiet jinbidlu matul il-proċess imma xorta huwa importanti li jippruvaw jaħsbu f'risposta plawżibbli sa mill-ewwel fażijiet tar-riċerka u li jżommuha f'moħħhom matul l-istadji kollha tar-riċerka. Ma jfissirx li għax se jkunu ħasbu f'risposta mhumiex se jkunu kapaċi jikkunsidraw risposti oħra.

## Tipi ta' Riċerka

Il-mistoqsija tar-riċerka hija importanti għax taffettwa u tiddetermina t-tip ta' riċerka li nagħmlu u anki r-riflessjonijiet metodoloġiċi dwar l-aħjar mod kif inżidu l-għarfien f'dak il-qasam. Biex nagħżlu tip partikolari ta' riċerka rridu nkunu nafu għaliex għażilnieh. Hemm metodi differenti ta' kif niġbru l-informazzjoni. Fi kliem ieħor, hemm tipi differenti ta' riċerka.

L-ipoteżi ħafna drabi ssir fil-kuntest ta' xi teorija jew teoriji partikolari. Teorija hija l-ispjegazzjoni ta' xi ħaġa li nistgħu nosservawha. Ħafna mir-riċerka tinbena fuq riċerka oħra li tkun saret qabel u, għaldaqstant importanti li r-riżultati li joħorġu mir-riċerka nkunu nistgħu noqogħdu fuqhom. Għal dan il-għan jeżistu testijiet statistiċi li juruk jekk ir-riżultat miksub huwiex sempliċement kumbinazzjoni jew le.

Tip ieħor ta' riċerka huwa dak li jinvolvi t-tqabbil ta' esperimenti li jkunu diġà saru minn riċerkaturi oħrajn mal-analiżi u r-riżultati tagħna. Dan kollu jsir fil-kuntest ta' teoriji ġodda dwar is-suġġett jew dejta ġdida li nkunu ġbarna.

Ir-riċerka lingwistika ħafna drabi trid tkun imsejsa fuq xi teorija jew mudell partikolari u ħafna mir-riċerka ssir biex tikkonferma dawn it-teoriji, tisfidahom jew tibni fuqhom. L-osservazzjonijiet, l-intervisti, l-esperimentazzjoni u l-istudji li jsiru ta' każijiet speċifiċi jidħlu f'dan il-kuntest. L-għan tagħhom irid ikun ċar u speċifiku. Għalhekk, fil-bidu tat-teżi, l-istudenti jridu jistqarru x'inhu l-kuntest teoretiku tar-riċerka tagħhom biex il-qarrejja jifhmu aħjar l-argumenti u l-analiżi tagħhom.

Xi drabi r-riċerka lingwistika u letterarja tista' tkun imsejsa fuq l-evalwazzjoni jew l-iżvilupp ta' xi teorija jew mudell partikolari mingħajr il-ġbir ta'

dejta ġdida. Bosta studenti jevitaw dan it-tip ta' riċerka għax jikkunsidrawha kemxejn astratta u diffiċli. Normalment, jagħżlu dan it-tip ta' riċerka għax ma jkunux inklinati lejn l-esperimentazzjoni u l-ġbir tad-dejta. Fil-qasam tat-teorija letterarja jista' jkollok teżi li tiddiskuti l-ideoloġija Femminista fil-letteratura Maltija jew is-sehem tal-oriġinalità stilistika fid-definizzjoni tal-letteratura li bdiet tinkiteb fis-snin disgħin tas-seklu għoxrin. Teżijiet lingwistiċi li fihom ma jinġabarx materjal ġdid jinkludu suġġetti bħall-evoluzzjoni tal-lingwa jew xi aspett partikolari tal-lingwa, il-filosofija tal-lingwa jew xi aspett marbut mat-teorija sintattika tal-lingwa. Jistgħu jagħżlu wkoll dan it-tip ta' riċerka għax forsi ma jkunx possibbli għalihom jiksbu d-dejta li jkunu jixtiequ u għaldaqstant jagħżlu li jiffukaw fuq materjal diġà ppubblikat ta' riċerkaturi oħrajn jew fuq manuskritti. Hawn jidħol l-aspett tal-lingwistika storika.

Tkun xi tkun ir-riċerka li jagħżlu, it-teżi importanti li jibdewha billi jagħtu sfond tal-letteratura akkademika li nkitbet fuq is-suġġett, dik li ħafna drabi tissejjaħ "il-Ħarsa Kritika." L-istudenti jistgħu wkoll ipinġu dijagrammi biex jispjegaw aħjar dak li jkunu qed jgħidu jew jissuġġerixxu. Għal xi raġuni, bosta studenti jaħsbu li ma jistgħux ipinġu dijagrammi fit-teżi tagħhom imma sintendi jistgħu.

Għaldaqstant, riċerka lingwistika jew letterarja tista' tieħu xejriet differenti, fosthom xejra:

- Kwantitattiva, li tinkludi elementi bħal testijiet statistiċi, esperimenti, frekwenzi ta' kliem;
- Kwalitattiva, li tinkludi ġudizzji u perċezzjonijiet differenti;
- Teoretika, li tinkludi mudelli ta' proċessi interni li, minkejja li jistgħu jiġu ttestjati, fin-natura tagħhom mhumiex sperimentali.

## Il-Proċess tar-Riċerka

Proġett ta' riċerka mhuwiex biss ġbir ta' informazzjoni. Nibdewh minn qabel nibdew infittxu u nispiċċawh ħafna wara li nkunu sibna l-informazzjoni kollha li mingħalina kellna bżonn.

F'dan il-proċess hemm diversi affarijiet li l-istudenti jridu jagħmlu imma jridu jżommu f'rashom ħames għanijiet ġenerali:

1. Jistaqsu mistoqsija li titlob risposta;
2. Isibu tweġiba li tista' ssaħħaħha permezz ta' raġunijiet validi;
3. Isibu evidenza biex iserrħu r-raġunijiet tagħhom fuqha;
4. Jagħmlu abbozz ta' rapport li jippreżenta r-risposta tagħhom b'mod ċar u loġiku;
5. Jirrevedu l-abbozz sakemm il-qarrejja jidhrilhom li l-awturi tat-teżi laħqu l-erba' għanijiet li jissemmew hawn fuq (Turabian 12).

Ir-riċerka u l-kitba akkademika mhumiex proċess b'sensiela ta' stadji li ngħaddu minnhom wieħed wara l-ieħor f'ordni li qatt ma tinbidel. Meta nkunu qed nagħmlu biċċa xogħol jaf nindunaw li rridu mmorru lura għal biċċa xogħol oħra li nkunu diġà ħdimna fuqha. F'dan is-sens is-suġġett jinbidel aħna u naqraw fuqu, għax aħna u niktbu nkomplu nfittxu l-informazzjoni u jista' jkun li anki niskopru mistoqsija ġdida waqt li nkunu qed nirrevedu x-xogħol li nkunu ktibna. Ir-riċerka

mhijiex prevedibbli: Hija proċess li nistgħu nimxu miegħu jekk ikollna pjan, anki jekk nafu li aktarx mhux se nkunu nistgħu nżommu dejjem miegħu.

## Biblijografija

Borg, Matthew. *Il-kunċett tal-letteratura fil-kitbiet estetiċi ta' xi awturi Maltin*. Teżi tal-BA. L-Università ta' Malta, 2014. <www.um.edu.mt/library/oar//handle/123456789/1099>

Cottrell, Stella. *The Study Skills Handbook* (it-tielet edizzjoni). Palgrave Macmillian, UK, 2008.

Irvin, L. Lennie. (2010) What is "Academic Writing"? <wac.colostate.edu/books/writingspaces1/irvin--what-is-academic-writing.pdf>

Turabian, Kate L. *A Manual for Writers of Research Papers, Theses, and Dissertations* (is-seba' edizzjoni). The University of Chicago Press, Ltd. Londra, 2007.

Avviż Legali 11 tal-2005 dwar l-Att tal-Edukazzjoni (CAP 327), ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 17,712. legislation.mt/eli/ln/2005/11/mlt

Avviż Legali 172 tal-2022 dwar l-Att tal-Edukazzjoni (CAP 327), ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,878. legislation.mt/eli/ln/2022/172/mlt

Artiklu sottomess nhar it-13 ta' Mejju 2024.
Artiklu ppubblikat nhar l-20 ta' Frar 2025.